Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 6/2018

**Tarcisio Tabone**
**bin-numru tal-karta tal-identità 95056M**

**Vs**

**MSV Life p.l.c. (C15722)**

6 ta' Mejju, 2019.

1. **Is-sentenza odjerna titratta appell u appell inċidentali minn deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fit-28 ta' Diċembru 2017 li permezz tagħha ntlaqa' parzjalment l-ilment ta' Tarcisio Tabone, u bis-saħħa tal-artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Liġijiet ta' Malta l-intimata kienet ordnata tħallas lill-ilmentatur is-somma ta' €29,679.08, bl-imgħaxijiet legali mid-data tad-deċiżjoni sad-data tal-effettiv pagament.**

2. In suċċint, il-proċeduri quddiem l-Arbitru żvolġew kif ġej:

2.1. Permezz ta' ilment li wasal fl-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fil-21 ta' Ottubru 2016, Tarcisio Tabone ilmenta li:

> *'F' Awissu 1995 ħriġt policy fejn ġie kkalkolat li se twassalni biex fl-2016 nirċievi fuq Lm19,000 (fuq €45,000). Wara l-qlib għall-Euro, fl-2009, qaluli li kienet niżlet għal fuq €21,000. Malli għalqet f'Awissu 2016 qaluli li nieħu biss bejn €26,000 - €27,000. Wara li ktibtilhom bl-avukat, fis-7/10/2016 infurmawni li se jtuni €26,179.08.*
>
> *Jekk skont l-istima ffirmata (dokument anness) lili ħajruni b'somma finali ta' €45,276.03, ma kontx nistenna li s-somma vera ma tkunx bejn €35,000 - €40,000*[1]

[1] Fol. 3 – 42.

2.2. Permezz ta' ittra datata 31 ta' Ottubru 2016, li waslet fl-uffiċċju tal-arbitru fit-2 ta' Novembru 2016, l-intimata wieġbet illi:

> '*Our position was explained in detail in our letter of the 7th October 2016. In the absence of any new information we have nothing to add to our stated letter.*'[2]

2.3. Sussegwentement, permezz ta' tweġiba datata 18 ta' Novembru 2016 u li waslet fl-uffiċċju tal-Arbitru fit-22 ta' Novembru 2016,[3] l-intimata wieġbet billi tagħat id-dettalji tal-karatteristiċi tal-polza u saħqet li: (i) l-*life Assurance Quotation* li ngħatat lill-ilmentatur fl-1995 kienet ibbażata fuq rati ta' qliegħ li kienu qegħdin jintużaw dak iż-żmien liema figuri ma kinux garantiti iżda '*estimated maturity values*' ibbażati fuq il-kundizzjonijiet finanzjarji prevalenti dak iż-żmien; (ii) minkejja t-tnaqqis fir-rati tal-bonus, l-investiment kien wieħed siewi għaliex minbarra *maturity value* ħieles mit-taxxa, il-polza pprovdiet ukoll kopertura fuq il-ħajja; (iii) kull sena matul l-aħħar 21 sena, l-ilmentatur dejjem intbagħat *policy account statement* li kienu juru l-progressjoni fit-tkabbir tal-*policy account* minn sena għal sena; (iv) l-ebda irregolaritajiet ma twettqu minnha.

2.4. B' deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Diċembru 2017, l-Arbitru ddeċieda:-

> '*Ghal dawn il-motivi l-Arbitru qed jilqa' parzjalment dan l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, jordna lill-MSV Life p.l.c. thallas lill-ilmentatur is-somma komplessiva ta' disa u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u sebghin ewro u tmien centezmi (€29,679.08).*
>
> *Bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> *Kull parti ghandha thallas l-ispejjez legali taghha.*'

3. Minn din id-deċiżjoni **appellat is-soċjetà intimata** bl-aggravji jkunu:-

(i) l-Arbitru ma kellux il-kompetenza jisma' l-ilment in kwistjoni ladarba l-polza inbiegħet fl-1995;

(ii) l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament tal-provi mertu tal-ilment;

(iii) kuntrarjament għal dak deċiż fil-paragrafu 5 tal-paġna 13 tad-deċiżjoni appellata, l-informazzjoni minnha mogħtija lill-ilmentatur fil-mument tal-

---

[2] Fol. 47.
[3] Fol. 49 – 51.

bejgħ tal-polza sar *ai termini* tar-regolamenti applikabbli fil-mument tal-bejgħ fl-1995; u

(iv) il-kumpens deċiż mill-Arbitru favur l-ilmentatur.

4. L-appellat ippreżenta **appell inċidentali** dwar il-kumpens likwidat mill-Arbitru, kemm għal dak li jirrigwarda l-ammont kif ukoll għall-dak li jirrigwarda r-raġunar adoperat mill-Arbitru.

5. Fir-rigward tal-appell inċidentali, l-appellanti wieġbet li l-ilmentatur ma ħaqqu l-ebda kumpens.

**Konsiderazzjonijiet.**

Il-kompetenza tal-Arbitru

6. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta li l-Arbitru ma kellux il-kompetenza jisma l-ilment in disamina. Tirreferi għall-**artikolu 21(1)(b) tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555)** li jipprovdi illi:

> '*Arbitru għandu kompetenza li jisma' l-ilmenti skont il-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imġiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun saret* ***fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara****:*
>
> *Iżda lment dwar imġiba li tkun seħħet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidħol fis-seħħ.'*

7. L-appellanti tikkontendi għalhekk, illi ladarba l-imġieba li dwarha jirreferi l-ilment tmur lura għas-sena 1995, ċjoe' meta inbiegħet il-polza, l-Arbitru ma kellux il-kompetenza sabiex jisma' u jiddeċiedi dwar l-ilment. L-appellanti tikkonċedi li hija m'eċċepietx din l-eċċezzjoni quddiem l-Arbitru. Tgħid iżda li ma kinitx konxja li l-Arbitru kien se jiffoka biss fuq l-imġieba tagħha fil-mument li sar il-bejgħ tal-polza. F' kull każ, issostni li kien l-obbligu tal-Arbitru li jissolleva din l-eċċezzjoni huwa stess *a tenur* tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 555.

8. Bħala regola ġenerali l-eċċezzjoni tal-inkompetenza minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa in kontestazzjoni ma tistax tiġi sollevata fl-appell. L-**artikolu 774 tal-Kap. 12** jipprovdi kif ġej:

> *'Fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti għandha, ex-officio, tiddikjara l-inkompetenza tagħha –*

*(a) meta l-kawża mhix ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili ta' Malta u l-konvenut jew ikun baqa' kontumaċi jew ikun assenti rappreżentat fil-kawża minn kuraturi maħtura skont l-artikolu 929; jew*

***(b) meta, minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun fil-kwistjoni, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza ta' dik il-qorti; jew***

*(ċ) meta f'kawżi ta' żbank ta' depożiti, il-flus jew ħwejjeġ oħra jkunu ddepożitati taħt l-awtorità ta' qorti oħra:*

***Iżda, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (b), l-eċċezzjonijiet ta' inkompetenza ma jistgħux jingħataw u lanqas ma jistgħu jiġu dikjarati ex officio, f'qorti fi grad ta' appell.'***

9. Madanakollu, l-**artikolu 22(2) tal-Kap. 555,** li hija *lex specialis* applikabbli f' dan il-każ, jipprovdi li:

*'**malli jitressaq l-ilment**, l-Arbitru **<u>għandu</u>** jiddeċiedi jekk l-ilment jaqax fil-kompetenza tiegħu.'*

10. Għal dan il-għan, l-**artikolu 22(4) tal-Kap. 555** saħansitra jagħti lill-Arbitru s-setgħa li jagħmel inkjesta preliminari:

*'(4) Arbitru jista' jagħmel inkjesta preliminari **għall-fini li jiddeċiedi jekk ilment għandux jiġi investigat taħt din it-Taqsima**, u jista' jitlob lill-persuna li tkun qed tagħmel l-ilment sabiex tipprovdi informazzjoni ulterjuri f'perjodu ta' żmien speċifikat:*

*Iżda l-Arbitru jista' jiddeċiedi li ma jkomplix jittratta lilment jekk il-persuna li tkun qed tagħmel l-ilment tonqos milli tkun konformi ma' talba biex tagħti informazzjoni ulterjuri fiż-żmien speċifikat mill-Arbitru.'*

11. Għalkemm il-fakoltà mogħtija lill-Arbitru a tenur tas-subparagrafu (4) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 555 taqa' fid-diskrezzjoni tiegħu, mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tas-subinċiż (2). Madanakollu, f'dan il-każ ma jidhirx li l-Arbitru ikkunsidra dak li jrid subinċiż (2) tal-artikolu 22. Għallinqas fl-atti m'hemmx deċiżjoni f'dak ir-rigward.

12. Dwar il-mertu ta' din l-eċċezzjoni l-appellant wieġeb li n-nuqqas da parti tas-soċjetà appellanti kien wieħed kostanti u kontinwu li beda meta nbiegħet lilu l-polza in kwistjoni b' informazzjoni skorretta li qarrqet bih, liema nuqqas laħaq il-*fulcrum* tiegħu fid-data tal-maturità tal-imsemmija polza meta ngħata somma ferm aktar baxxa minn dik inizjalment indikata.

13. L-**artikolu 21(1)(d) tal-Kap. 555** jipprovdi illi:

*'Għall-fini ta' dan is-subartikolu, **imġiba li tkompli fix-xorta għandha tiġi preżunta li tkun seħħet fiż-żmien meta tkun waqfet, u imġiba li tkun***

***tikkonsisti minn serje ta' atti jew <u>ommissjonijiet</u> għandha tiġi preżunta li tkun seħħet meta l-aħħar minn dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu seħħu***.'

14. Huwa paċifiku li l-polza '*Endowment Assurance With Profits Including Accidental Death Benefit Funeral Expenses Benefit'* inbiegħet lill-appellat fit-28 ta' Awissu 1995.[4] Madanakollu, din kienet tobbliga lill-appellat jħallas *premium* kull sena <u>għall-perjodu ta' 21 sena</u> jew '*until the earlier death of the Life Assured(s)'.* Kien biss meta sseħħ waħda minn dawk li l-ħlas taħt il-polza kien isir dovut. Għalhekk, l-effett tagħha kien kontinwat sad-data tal-maturità, ossija sat-28 ta' Awissu 2016.

15. Il-Kap. 555 daħal fis-seħħ, fit-18 ta' April 2016[5] b'dan illi l-każ odjern indubjament jaqa' fil-kompetenza tal-Arbitru skont l-artikolu 21 tal-Kap. 555.

16. Għaldaqstant l-ewwel aggravju hu miċħud.

<u>L-apprezzament tal-provi.</u>

17. L-appellanti tilmenta li mhux minnu illi '*il-verżjoni li ta' l-ilmentatur li s-salesman qallu li meta timmatura l-polza jingħata somma ta' aktar minn Lm19,000 ma ġietx kontradetta mill-provditur tas-servizz għaliex minn biegħ il-polza ma tellgħux jixhed, u lanqas biss ikkuntattjawh biex jaraw jekk dak li kien qed jgħid l-ilmentatur kienx minnu'* kif deċiż mill-Arbitru. L-appellanta tisħaq li hija kkontestat it-talba tal-ilmentatur u '*ressqet provi suffiċjenti dwar il-fatt illi l-ammont tal-maturità illi kien ikkomunikat lill-ilmentatur kien stima (estimated) u mhux garantit'* fosthom il-kwotazzjoni tal-polza. Tgħid li l-Arbitru skarta għal kollox il-provi tagħha u strah fuq ix-xhieda kontradittorja tal-ilmentatur.

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Arbitru kien pjenament ġustifikat jasal għall-konklużjoni li l-verżjoni tal-ilmentatur ma ġietx kontraddetta. Dan ma jfissirx li l-intimata ma kkontestatx il-każ. Ifisser biss illi ma tressqet l-ebda prova li tikkuntrasta dak li qalu l-ilmentatur u martu fir-rigward tal-mod kif il-polza inbiegħet lill-ilmentatur minn Damian Formosa fl-1995, ossija, bil-premessa li fid-data tal-maturità l-ilmentatur kien se jirċievi s-somma ta' l' fuq minn Lm19,000.

19. Il-qorti tosserva:

---

[4] Fol. 19.
[5] Avviż Legali 132 tal-2016.

- la Victor Farrugia u lanqas David Curmi, xhieda tal-appellanti, ma kienu preżenti waqt il-bejgħ tal-polza. Inoltré, Victor Farruiga in kontro-eżami ikkonferma li '*wara li rċevejna l-ilment tas-Sur Tabone ma kellimtux lil Damian Formosa'*.

- Damian Formosa, l-intermedjarju in kwistjoni li biegħ il-polza in kwistjoni lill-appellat fil-kwalità ta' *tied insurance intermediary*, ma xehedx. Kien fl-interess tal-appellanti li jixhed jekk riedet tikkontrobatti għal dak li xehed l-appellat;

- fis-seduta tal-24 ta' April 2017 is-soċjetà appellanti ddikjarat li ma kinitx se tagħmel ebda kontro-eżami tal-ilmentatur.[6]

20. Kuntrarjament għal dak pretiż mis-soċjetà appellanti, lanqas il-kliem '*estimated maturity value'* riportat fl-istima tal-polza[7] ma jammonta għal xi prova konkreta li l-ilmentatur kien konsapevoli li l-imsemmija somma stmata fil-valur ta' madwar Lm19,000 ma kinitx garantita. Fis-sentenza riċenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Joseph Vella vs MAPFRE MSV Life p.l.c.*** din il-qorti qalet[8]:

> *'53. Bla dubju l-appellanti ma setgħetx tipproġetta l-kundizzjonijiet tas-suq għal 25 sena. Il-pern tal-każ odjern m'huwiex dan. Dak li jrid jiġi determinat iżda huwa x'obbligazzjonijiet intrabtet bihom l-appellanti meta biegħet l-prodott finanzjarju in kwisjtoni lill-appellat u jekk l-appellant tpoġġiex f'posizzjoni li jifhem li s-somma mwiegħda ma kinitx garantita'.*
>
> *54. Fil-fehma tal-Qorti, meta f'każ simili konsumatur jingħata stima, salv f'każijiet fejn issir disclaimer speċifika, tinħoloq aspettattiva fil-konsumatur li bejn wieħed u ieħor dak hu l-valur li ser jirċievi. F'dan il-każ, ma saret l-ebda kwalifika jew disclaimer meta l-appellat ingaħta 'estimated maturity value' u għalhekk kellu raġun jippretendi li kien sejjer jipperċepixxi piu o meno dak l-ammont wara 25 sena ...'*

21. L-istess konsiderazzjoni tapplika għall-każ in diżamina. Għalhekk m'huwiex il-każ li l-istima kienet prova suffiċjenti dwar il-fatt li l-ammonti indikati lill-ilmentatur ma kienux garantiti. Bil-kelma 'estimated' għalkemm wieħed jista' jifhem li s-somma m'hijiex eżatta, pero' ma tatihx x'jifhem li bejn din iċ-ċifra u l-ammont li jirċievi jista' jkun hemm diskrepanza ta' eluf kbar ta' euros.

22. L-appellanti tilmenta wkoll li l-Arbitru straħ fuq ix-xhieda kontradittorja tal-ilmentatur. Tirreferi għall-fatt li fl-affidavit tiegħu, wara li qal li ma sema' xejn mingħandha, l-appellat jikkonċedi li kien jirċievi *statements* annwali.

---

[6] Fol. 99.
[7] Fol. 9.
[8] Deċiża fil-25 ta' Marzu 2019.

23. Il-fatt li l-ilmentatur appellat kien jirċievi statements annwali m'hwiex kontraddett **għalkemm l-ebda kopja tagħhom ma tinsab eżebita in atti**. F'kull każ, dawn intbagħatu <u>sussegwentement</u> għal bejgħ tal-polza. Mingħajrhom il-qorti m'hijiex tal-fehma li l-Arbitru seta' jikkonkludi li l-ilmentatur kien ilu s-snin jaf li kien ser jirċievi somma ferm inqas minn dik li oriġinarjament ingħata x'jifhem li ser jirċievi kif timmatura l-polza.

24. L-appellat xehed:

> *'Kull ma kont nirċievi kien li, darba fis-sena, kienu jibgħatuli statement. Ngħid peró li dan jiena ma kontx nifhmu peress li kien ikollu ħafna figuri u persentaġġi. Jiena f'moħħi kien li l-polza kellha bżonn timmatura sabiex inkun intitolat nieħu s-somma li ġiet imwiegħda lili. Lejn l-aħħar, meta kont immur fl-ufficċju tagħhom il-Floriana biex inħallas, jiena kont insaqsi l-iskrivan għalfejn kienu qed jindikaw ammont ferm anqas minn dik li kienu qalu lili; dan anké għaliex kien qiegħed joqrob iż-żmien illi tagħlaq. Iżda dawn kienu jgħiduli li l-polza kellha bżonn timmatura, li dak kien il-mod li kienet taħdem din il-polza u li jiena ma stajt inkellem lil ħadd għax hekk kienet se tibqa' s-sitwazzjni. Dak iż-żmien, jiena kont nirraġuna li peress li kien baqa' ftit żmien biex timmatura l-polza, il-figura mwiegħda lili kienet ser tiġi riflessa fl-aħħar.'*

25. L-appellanti tirreferi iżda għall-fatt li *'fuq talba tal-ilmentatur stess, is-soċjetà appellanta bagħtet ittra fid-29 ta' Awissu 2008, fis-27 ta' Settembru 2011 u fit-28 ta' Awissu 2012 b'informazzjoni ċara dwar l-**Estimated Maturity Values'***.

26. Dan il-fatt bl-ebda mod ma ġie injorat mill-Arbitru. Dwar qan qal:

> *'Huwa minnu, kif jghid l-istess provditur tas-servizz, li mis-sena 2008, l-ilmentatur kien digà qed jinduna li dawn il-valuri li kienu indikawlu waqt il-bejgh kienu niezlin imma dan gara xi tlettax-il sena wara li kien xtara l-polza.*
>
> *Wiehed irid jara x'kien qed jifhem l-ilmentatur. Huwa fehem li, ghalkemm il-valur tal-polza kien qed jonqos fiz-zmien li kien gibed l-attenzjoni lill-MSV, huwa kien jemmen li fl-ahhar, meta l-polza timmatura, se jiehu s-somma imweghda meta xtara l-prodott.*
>
> *Huwa facli ghall-provditur tas-servizz li jghid li din hija polza semplici u li kulhadd seta' jifhimha. L-Arbitru ma jaqbilx ma' dan. Dak li jidher semplici ghal min hu espert fil-qasam, mhux necessarjament huwa dasqhekk semplici ghall-konsumatur, u l-provditur ta' dawn il-prodotti finanzjarji ghandu l-obbligu li jispjega fid-dettal u bl-aktar mod car kemm it-tajjeb kif ukoll il-limitazzjonijiet tal-prodott.'*

27. Oġġettivament, l-imsemmija ittri[9] kienu jgħidu b'mod ċar li l-*maturity values* hemm indikati ma kinux garantiti. X' fehem u x'ma fehemx l-ilmentatur m'huweix ċar in kwantu s-soċjetà appellanti għażlet li ma tagħmillux kontro-

[9] Fol. 88 – 93.

eżami. Iżda anké jekk stess mill-imsemmija ittri l-ilmentatur kellu jkun konsapevoli li l-*maturity value* ma kienx garantit, dawn intbagħtu lill-ilmentatur 13-il sena wara li xtara l-polza in kwisjtoni bl-intendiment li kien se jipperċepixxi *estimated maturity value including revisionary and terminal bonuses* ta' Lm19,437. Huwa minnu li l-appellat baqa' jħallas il-*pemium* ta' kull sena sal-*maturity date* tal-polza. Iżda fil-verità ma kellux wisq alternattivi. Fl-imsemmija ittri ġie nfurmat kif ġej:

> '6. *if you decide to cash in your policy before maturity date we may apply surrender penalties which will reduce the Cash Surrender Value of your policy.* ***The Cash Surrender Value of your policy may be less than the total amount of premiums paid up to the date of surrender.'***

28. Rinfaċċat b'dik l-għażla wara li kienu ilu jħallas il-*premium* 13-il sena, huwa komprensibbli li l-appellat kompla jħallas sal-maturità. Kif tajjeb osserva l-Arbitru:

> '*Ma kienetx soluzzjoni ghall-ilmentatur li johrog mill-investiment wara tlettax-il sena jew aktar ghax, kif gie spjegat lilu mill-istess impjegati tal-provditur tas-servizz, jekk jaghmel hekk kien ser jitlef il-flus.*
>
> *Ghalhekk l-Arbitru jara li kien ragonevoli ghall-ilmentatur, li kien pastry chef u mhux xi espert fil-qasam tal-assikurazzjoni, li jistenna li l-polza timmatura biex ma jitlifx il-flus kif kienu assigurawh impjegati tal-provditur tas-servizz stess meta mar jistaqsi dwar il-valur tal-polza.'*

29. Dan l-aggravju miċħud ukoll.

<u>L-informazzjoni mogħtija lill-ilmentatur fil-mument tal-bejgħ tal-polza</u>

30. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti tilmenta mbagħad illi l-bejgħ tal-polza in kwisjtoni sar *ai termini* ta' regolamenti applikabbli fil-mument tal-bejgħ, ċioé, fl-1995. Tgħid ukoll li barra minn hekk, ma jistax jingħad li fil-mument tal-bejgħ tal-polza hija ma mxietx mal-prinċipju tal-*good faith* għax fit-28 t' Awissu 1995 ma setgħetx tkun taf x' kien se jkun il-*maturity value* f'għeluq il-21 sena.

31. Issir referenza għal dak diġa deċiż minn din il-Qorti fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Joseph Vella vs MAPFRE MSV Life p.l.c.*** 'l fuq ċitata:

> *'Id-deċiżjoni tal-Arbitru ma tgħidx li l-polza in kwisjoni inbiegħet illegalment. Dak li ġustament iddeċieda l-Arbitru kien li l-mod kif inbiegħat l-polza, anké fil-kuntest tal-garanziji li ngħataw lill-ilmentatur bil-miktub, wassal lil dan tal-aħħar biex jifforma aspettativa leġittima li baqgħed ovvjament hemm matul is-snin, li wara 25 sena li matulhom dejjem ħallas il-premium stabbilit, kien se jirċievi bejn wieħed u ieħor is-somma ta' Lm10,000. Tali aspettativa trid tiġi onorata*

*bħal kull obbligazzjoni oħra naxxenti minn rabta kuntrattwali. Ma ġiet kwotata l-ebda liġi allegatament applikabbli fiż-żmien in kwistjoni li teżonerah minn dan.'*

32. Lanqas id-deċiżjoni hawn appellata ma tgħid li l-polza in kwisjoni inbiegħet illegalment. Dak li kkonkluda l-Arbitru kien iżda li:

*'Imma l-kaz li ghandu quddiemu l-Arbitru huwa dak ta' ilmentatur li qed jghid li gie mwieghed mod u inghata mod iehor, fi kliem semplici li gie mhajjar biex jidhol f'polza a bazi ta' valuri li inghata dak iz-zmien u li ma giex spjegat lilu li dawn jistghu ivarjaw. Li kieku gew spjegati d-dettalji kollha ta' kif tahdem l-endowment policy, allura wara ma kienx ikun jista' jilmenta li hu gie zgwidat.*

*Kieku gew spjegati l-karatterisitici ta investiment ta' dan it-tip, specjalment li m'hemm xejn garantit u li l-valur fid-data tal-maturità tista' tvarja, allura l-ilmentatur ma kien ikollu l-ebda raguni biex jilmenta quddiem l-Arbitru.*

*Imma l-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova li s-salesman tieghu ghamel dan.*

*Ghalhekk l-Arbitru jhoss li fuq bilanc ta' probabilità, l-ilmentatur ipprova li ma inghatax id-dettalji kollha dwar il-polza u l-karatteristici taghha imma gie moghti l-impressjoni li kien qed ifaddal il-premium fiss li jhallas, u meta l-polza timmatura, jiehu somma flus ibbazata fuq dak il-premium fiss.'*

33. Huwa manifest li l-Arbitru fl-ebda waqt ma ppretenda li fl-1995 l-appellanti kellha tipproġetta b'ċertezza l-*maturity values.* Dak li ġie imputat lilha huwa iżda li hija ma spjegatx sew il-karatteristiċi tal-polza u r-riskju inerenti fiha meta inbiegħet lill-ilmentatur.

34. Dan l-aggravju huwa għalhekk ukoll miċħud.

<u>Il-kumpens</u>

35. Il-kumpens mogħti mill-Arbitru huwa l-mertu kemm tar-raba' aggravju tas-soċjetà appellanti kif ukoll tal-appell inċidentali tal-appellat. F' dan ir-rigward, fid-deċiżjoni appellata ngħad:

*'Però, bhala kumpens, l-Arbitru ma jhossx li jkun ragonevoli jekk jilqa' t-talba tal-ilmentatur fit-totalità taghha fejn qed jitlob li jinghata s-somma "vera bejn €35,000-€40,000"16 ghal dawn ir-ragunijiet.*

*L-Arbitru qed jaghti rimedju ghaliex ihoss li l-aspettattivi tal-ilmentatur ma gewx milhuqa u, ghalhekk, seta' kellu opportunitajiet ohra f'hajtu li ma lahaqhomx, per ezempju, ippjanar ta' tifdil li m'ghamilx ghaliex haseb li ser jiehu somma*

*akbar. Fil-fatt, l-ilmentatur jghid li s-somma investita riedha biex jghix biha hekk kif jirtira.*

*Huwa difficli hafna li l-Arbitru jista' jasal ghal xi somma preciza u l-kumpens li jista' jinghata huwa wiehed ibbazat fuq gustizzja ekwittattiva kif sanzjonat jaghmel espressament permezz tal-Artikolu 19 (3)(b) tal-KAP. 555, imma dan l-ezercizzju ta' ekwità jrid ikun ukoll ragonevoli.*

*Huwa minnu li l-ilmentatur, meta nduna li l-valur tal-polza kien niezel fl-2008, ma setax johrog mill-polza ghaliex kien jitlef il-flus, imma min-naha l-ohra, l-Arbitru jrid ihares ukoll lejn x'kienu l-opportunitajiet alternattivi li kellu, li ma kienux hafna.*

*Meta l-Arbitru hares lejn l-andament kumplessiv tal-polza, ra li r-rendiment taghha ta' kwazi erbgha fil-mija, fic-cirkostanzi kollha, ma kienx wiehed hazin u dan iwassal lill-Arbitru li jqis li n-nuqqas li sar fil-bidu tal-investiment mir-rapprezentant tal-kumpanija (is-salesman) ghandu jigi mitigat.*

*Ghalhekk il-kumpens li ser jinghata arbitri et boni viri ghandu jirrifletti c-cirkostanzi kollha, fosthom il-fatt li, finalment, il-polza halliet rendiment tajjeb.*

*Min-naha l-ohra, l-Arbitru jrid iwassal messagg car li meta jinbieghu dawn il-poloz li jimmaturaw wara hafna snin, il-provditur tas-servizz m'ghandux jgholli l-aspettattivi tal-konsumatur izzejjed u, bl-aktar mod car u semplici, ghandu jispjega kemm it-tajjeb kif ukoll il-hazin tal-prodott sabiex il-konsumatur ikun f'qaghda gusta li jkun jista' jiddeciedi jekk jiehux dak il-prodott jew le, u jekk jiddeciedi li jixtrih, ikun f'qaghda li jippjana gidu fil-qafas tal-informazzjoni shiha li jkun inghata.*

*Il-gustizzja ekwitattiva hija wahda ibbazata fuq dak li, fil-kuxjenza tieghu, l-Arbitru jhoss li jkun xieraq li jinghata meta jiehu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz. Dak kien il-hsieb tal-legizlatur meta dahhal il-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta u ta lill-Arbitru certa diskrezzjoni ibbazata fuq l-ekwità, il-gustizzja u rragonevolezza.*

*L-Arbitru haseb fit-tul fuq x'kumpens ghandu jaghti, u meta qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz iddecieda li arbitri et boni viri jaghti kumpens lill-ilmentatur fis-somma ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) b'zieda mas-somma li giet likwidata fid-data tal-maturità tal-polza u, cioè, dik ta' €26,179.08,17 u,* ***ghalhekk, jinghata s-somma komplessiva ta' €29,679.08.***

*Ghal dawn il-motivi l-Arbitru qed jilqa' parzjalment dan l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta,* ***jordna lill-MSV Life p.l.c. thallas lill-ilmentatur is-somma komplessiva ta' disa u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u sebghin ewro u tmien centezmi (€29,679.08).***

*Bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-effettiv pagament.*

*Kull parti ghandha thallas l-ispejjez legali taghha.'*

36. Is-soċjetà appellanti min-naħa tagħha tilmenta li ma tistax tifehm kif l-Arbitru wasal għal dan il-kumpens ladarba ħass li hija żgwidatu u ngannatu. Tgħid illi kieku l-Arbitru kien verament konvint illi s-*salesman* kien verament inganna lill-ilmentatur kien jordnalha tħallsu somma bejn €35,000 u €40,000 spettanti

minnu u mhux somma ferm inferjuri. *A contrariu sensu*, tgħid li ladarba l-Arbitru ma kienx konvint li sar xi nuqqas fil-konfront tal-ilmentatur, hija ma misshiex ġiet misjuba responsabbli u ordnata tħallas il-kumpens ordnat fid-deċiżjoni. Tikkontendi ukoll li d-deċiżjoni tal-Arbitru tmur kontra ħafna deċiżjonijiet mogħtija mill-*Financial Ombudsman Service* tal-Ingilterra fir-rigward ta' każijiet simili.

37. Minn-naħa l-oħra, permezz tal-appell inċidentali tiegħu, l-appellat jikkontendi li huwa ma jaqbilx mar-raġunijiet li abbażi tagħhom l-Arbitru ħass illi kien raġjonevoli li l-ilmentatur jingħata biss kumpens ta' €3,500 oltré l-*maturity value*, ossja somma inferjuri għal dik bejn €35,000 – €40,000 minnu pretiża.

38. L-artikolu 26(3) tal-Kap. 555 jipprovdi:

> *'Jekk l-ilment jinstab totalment jew parzjalment sostanzjat, l-Arbitru jista' jordna lill-provditur tas-servizzi finanzjarji jagħmel waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:*
>
> *...*
>
> *(iv) li jħallas* ***ammont ta' kumpens għal kull telf ta' kapital jew dħul jew danni sofferti mill-persuna li tagħmel l-ilment minħabba fl-imġiba li fuqha jkun sar l-ilment****, mingħajr imgħax jew bl-imgħax, b'dik ir-rata raġonevoli u fil-parametri stabbiliti bil-liġi kif l-Arbitru jista' jiddeċiedi, fuq il-flus kollha jew xi parti mill-flus, u fuq iż-żmien kollu jew xi parti mill-perjodu bejn id-data li fiha l-imġiba li fuqha jkun sar l-ilment tkun bdiet sad-data li fiha jsir il-ħlas;*

39. L-Arbitru kkonkluda li l-ilmentatur ma ngħatatx id-dettalji kollha dwar il-polza u l-karatteristiċi tagħha iżda ingħata l-impressjoni li meta l-polza timmatura kien se jieħu somma determinata, u għalhekk l-appellat ingħata kumpens **għall-opportunitajiet oħra f'ħajjtu li ma laħaqhomx**, eżempju ippjanar ta' tifdil li m'għamilx. F' dan is-sens, id-determinazzjoni tal-kumpens mhijiex faċilment determinabbli u ma tistax tiġi sempliċement ekwiparata mal-valur tal-aspettattiva li kellu l-ilmentatur a bażi ta' dak li kien ġie mwiegħed ilu, kif jikkontendu l-partijiet.

40. L-Arbitru qies li: (i) l-ilmentatur nduna li l-valur tal-polza kien nieżel fl-2008 għalkemm f'dak il-punt l-alternattivi li kellu ma kinux ħafna; u illi (ii) l-polza finalment ħalliet rendiment tajjeb.

41. Min-naħa l-waħda l-appellat għandu raġun jgħid li l-andament komplessiv tal-polza, meħud waħdu, huwa kriterju sa ċertu punt irrilevanti. Iżda huwa minnu wkoll li l-ilmentatur fl-2008 sar jaf li l-valur tal-polza kien niżel. Inoltre, l-ittri li

rċieva wara kienu jagħmluha ferm ċara li l-*maturity value* ma kienx garantit. Għalkemm f'dak l-istadju kellu biss żewġ alternattivi, baqa' jħallas il-*premium*. L-appellanti m'għandux raġun jippretendi li għandu jiġi kkumpensat fis-somma sħiħa pretiża minnu '*stante l-età li għandu llum il-ġurnata',* ġialadarba seta' jifdi l-polza u jinvesti mod ieħor biex jaħseb għal meta jkun tal-eta' li għandu llum. Hu baqa' juri fiduċja fl-investiment minkejja li fl-2008 kien ċar li l-investiment li għamel ma kienx dak li ħaseb fil-bidu.

42. Din il-Qorti għalhekk ma tħossx li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Arbitru fl-ammont ta' kumpens li llikwida.

43. Rigward id-deċiżjonijiet tal-*Financial Ombudsman Service* tal-Ingilterra li ssemmew fl-aggravju tas-soċjetà appellanti, jirriżulta li dawn jirreferu għal ċirkostanzi l-ilmentatur kien konsapevoli li l-bonus rates futuri ma kienux garantiti. Ladarba fil-każ odjern irriżulta li l-ilmentatur ma kienx konsapevoli b'dan meta huwa xtara l-polza in kwistjoni sakemm is-sena 2008, il-paragun ma jreġix. Min-naħa l-oħra, il-każ numru DRN3688281 kien jirreferi għal ilment ta' natura differenti.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tiċħad kemm l-appell prinċipali kif ukoll dak inċidentali, bl-ispejjeż tal-appell a karigu tas-soċjetà appellanti u l-ispejjeż tal-appell inċidentali a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.